LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 587.01

REGOLAMENTI DWAR IL-KUMITAT TAL-APPELLI (PROFESSJONI TAL-PSIKOTERAPIJA)

1 ta' Ottubru, 2020

L-AVVIŻ LEGALI 381 tal-2020.

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti dwar il-Kumitat tal-Appelli (Professjoni tal-Psikoterapija).

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoterapija; Kap. 587.

"Bord" tfisser il-Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoterapija f'Malta stabbilit skont l-artikolu 4 tal-Att;

"Kumitat tal-Appelli" tfisser il-Kumitat stabbilit skont ir-regolament 3;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-professjoni tal-psikoterapija.

Kumitat tal-Appelli.

3. (1) Għandu jiġi stabbilit Kumitat tal-Appelli, li għandu jkun magħruf bħala l-Kumitat dwar il-Professjoni tal-Psikoterapija f'Malta, li għandu jkun kompost kif ġej:

(a) żewġ (2) membri maħtura mill-Ministru li minnhom:

(i) membru wieħed (1) għandu jkun avukat bil-*warrant* u prattikanti, li għandu jkun iċ-Chairperson tal-Kumitat tal-Appelli;

(ii) membru ieħor (1) għandu jkun psikoterapista bil-*warrant*; u

(b) membru ieħor (1) għandu jkun psikoterapista bil-*warrant* fil-modalità indikata fl-applikazzjoni tal-appellant, maħtur *ad hoc* skont il-każ miċ-Chairperson tal-Kumitat tal-Appelli.

(2) Iż-żewġ (2) membri tal-Kumitat tal-Appelli maħtura mill-Ministru, għandhom ikunu hekk maħtura għal perjodu ta' tliet (3) snin u jistgħu jerġgħu jiġu maħtura jew eletti mill-ġdid għall-perjodu ulterjuri ta' tliet (3) snin.

(3) Il-Ministru għandu jaħtar persuna sabiex taġixxi bħala s-Segretarju tal-Kumitat tal-Appelli, li għandu d-dmir li jirċievi l-

appelli, iżomm il-minuti u jassumi kull dover ieħor li ċ-Chairperson tal-Kumitat tal-Appelli jista' jiddelega lilu.

Funzjonijiet tal-Kumitat tal-Appelli.

4. (1) Il-Kumitat tal-Appelli għandu jisma' u jiddeċiedi kull applikazzjoni għal appell ippreżentata minn persuna li tħossha aggravata minn deċiżjoni tal-Bord:

(a) fejn il-ħruġ taċ-ċertifikat tal-warrant biex persuna tipprattika l-professjoni ta' psikoterapista jiġi miċħud; jew

(b) relatat mal-ekwivalenza u r-rikonoxximent ta' kwalifiki fil-professjoni tal-psikoterapija.

(2) L-appell minn deċiżjoni tal-Bord, għandu jiġi ppreżentat fi żmien perentorju ta' tletin (30) jum mid-data ta' tali deċiżjoni, u dan permezz ta' talba għal appell ippreżentata lis-Segretarju tal-Kumitat tal-Appelli.

(3) Il-Kumitat tal-Appelli għandu jirregola l-proċedura tiegħu.

(4) Il-Kumitat tal-Appelli għandu l-jedd li jitlob mill-Bord, informazzjoni dwar kull deċiżjoni li jkun qiegħed jikkunsidra u jista' jitlob lill-istess Bord jippreżenta kwalunkwe jew id-dokumentazzjoni kollha relatata mal-każ li jkun qiegħed jikkunsidra. L-imsemmi Bord għandu d-dmir li jgħaddi lill-imsemmi Kumitat din l-informazzjoni u, jew kwalunkwe dokumentazzjoni mingħajr dewmien.

(5) Il-Kumitat tal-Appelli għandu s-setgħa li jikkonferma, iħassar jew jirrevoka b'kundizzjonijiet jew xort'oħra, u jissostitwixxi kwalunkwe deċiżjoni tal-imsemmi Bord wara li jiġi ppreżentat appell skont dawn ir-regolamenti.

Ħatra ta' esperti.

5. Fil-qadi ta' dmirijietu skont dawn ir-regolamenti, il-Kumitat tal-Appelli jista' jaħtar esperti sabiex jirrelataw dwar kwalunkwe kwistjoni mressqa quddiemu.

Drittijiet.

6. L-appellant għandu jħallas lill-Kumitat tal-Appelli d-dritt ta' mija u għoxrin euro (€120) fir-rigward ta' kull appell minn deċiżjoni tal-Bord.